MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2010

Numru 41/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Hesham Mohammed Shabosh**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 41 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Hesham Mohammed Shabosh li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel u l-uniku Kap illi fit-18 (tmintax) ta' Ottubru, elfejn u erba' (2004) ghall-habta tat-8.30 p.m., hdejn il-Moskea, Rahal il-Gdid, Hesham Mohammed Shabosh ra lil Khalid Lamloun, li jigi minnu, jiggieled ma' Omar Mohammed Baccouche. Hu mar fuqhom armat bi flawt tat-tikhil u dolozament bil-hsieb li joqtol lil Omar Mohammed Baccouche jew li jqieghlu l-hajja tieghu f'periklu car, tah diversi daqqiet f'partijiet ta' gismu bil-konsegwenza li l-istess Omar Mohammed Baccouche kien fil-periklu tal-mewt u sofra feriti gravi u

permanenti. Illi pero’ fotunatament Omar Mohammed Baccouche ma mietx grazzi ghal intervent mediku.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Hesham Mohammed Shabosh sar hati ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju w cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, wera dana l-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Hesham Mohammed Shabosh hati ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju w cioe’ talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, wera dana l-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija minn seba’ snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b’ seba’ (7) voti favur u b’zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat Hesham Mohammed Shabosh mhux hati tal-ewwel u l-uniku Kap tal-Att tal-akkuza, ghax ghalkemm kkaguna offiza ta’ natura gravi li kkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew gabet difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem ta’ Omar Mohammed Baccouche, hu kien agixxa minhabba l-bzonn attwali tad-difza legittima tieghu nnifsu jew ta’ haddiehor.

Tiddikjara ghalhekk lil akkuzat Hesham Mohammed Shabosh mhux hati tal-Ewwel u l-Uniku Kap tal-Att tal-Akkuza w, wara li rat l-artikolu 487 tal-Kodici Kriminali,

tiddikjara lill-akkuzat mehlus u tordna li jigi liberat, jekk ma hux detenut ghall-ragunijiet ohra

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------